**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 790 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Leeroy Balzan Engerer**

**Spettur Brian Xuereb)**

**vs.**

**Khaled Rami**

Illum, 4 ta' Marzu 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Khaled Rami iben Mohammed u Fatima, mwieled nhar it-08 t'Awissu 1995 gewwa Berkanou, gewwa l-Marokk, minghajr residenza fissa gewwa Malta, detentur tal-numru tal-Pulizija bin-numru 19QQ 004, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Akkużat talli fix-xahar ta' Lulju 2021, ġewwa Ħal Safi u f'dawn il-Gżejjer Maltin, ikkommetta ħarba semplici miċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Hal Safi (Barracks) waqt li kien taħt il-kustodja ta' persuni inkarigati miż-żamma tagħhom.

U Akkuzat talli, b'diversi atti, ukoll jekk magħmula fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

2. Nhar l- 10 t' Awissu 2021, bejn nofs il-lejl u t-tlieta ta' filghodu (00:00hrs-03:00hrs), ġewwa appartament numru 11, Villa Gardenia, Triq l-Ilqugh, Swieqi, u/jew ġewwa il viċinanzi, għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor u li sar għad-dannu ta' Dimitri Jean Dubuisson u/jew ta' xi persuna/i oħra;

3. Bejn l-10 t'Awwissu 2021 ghal-habta tat-tmienja ta' filghodu (08:00hrs) t-18 t'Awwissu 2021 ghal-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija (19:30hrs, ġewwa 82, Apt 6, Triq is-Sirk, Swieqi, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċjedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Michael Parlato Trigona u/jew ta' xi persuna/i oħra;

4. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

5. Nhar it- 28 t' Awwissu 2021, bejn it-tlieta ta' filgħodu w l-erbgha ta' filgħodu (03:00hrs-04:00hrs), ġewwa fond numru 78, imsemmi "Kaua'i", Triq id- Dris, Swieqi, offendejt il-pudur jew il-morali, b'egħmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku;

6. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

7. Fis-7 t'Ottubru, 2021, bejn l-erbgha w nofs ta' filgħodu u s- sitta ta' filghodu (04:30hrs – 06:00hrs) ġewwa r-residenzi bl-isem ta' Falling Waters u Aloha, Triq Josef Kalleya, Swieqi u/jew ġewwa il viċinanzi, bil-ħsieb li jagħmel delitt, ċioe` talli dolożament, bil-ħsieb li tisraq lil Rueben Grech u Mark Bencini, u wera dan il-ħsieb b`atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, liema attentat ta' serq hu aggravat bil-hin, bil-mezz, u li sar għad-dannu ta' Rueben Grech u/jew ta' xi persuna/i oħra;

8. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

9. Nhar it- 08 t' Ottubru 2021, bejn l-erbgha u –sitta ta' filghodu (04:00hrs-06:00hrs), ġewwa fond numru Blk 29, Flat 42, Vjal Portomaso, San Giljan, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' apparat eletroniku, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċjedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar għad-dannu ta' Thamer M N T A Alkhamis u/jew ta' xi persuna/i oħra;

10. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie

mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

11. Nhar l-20 ta' Novembru 2021, bejn is-saghtejn u l-erbgha ta' filghodu (02:00hrs-04:00hrs), ġewwa fond numru 84, Triq Patri Indri Vella, Pembroke, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' arloggi u apparat eletroniku u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċjedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar għad-dannu ta' Mark Anthony Crocker u/jew ta' xi persuna/i oħra;

12. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

13. Bejn it-22 ta' Novembru 2021 ghal-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija (19:30hrs) w t-23 ta'Novembru 2021 ghal-habta tat-tmienja w nofs ta' filghodu (08:30hrs), ġewwa 202, Adonai, Triq Tunis, Pembroke, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċjedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Yang Ping u/jew ta' xi persuna/i oħra;

14. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

15. Nhar it-23 ta' Novembru 2021, bejn il-hamsa w s-sebgha ta' filghodu (05:00hrs-07:00hrs), ġewwa fond numru Blk B3, Flat 3, Triq Pietro Rossel, Pembroke, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' arloggi u apparat eletroniku u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċjedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar għad-dannu ta' Marvin Agius u Amanda Agius u/jew ta' xi persuna/i oħra;

16. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

17. Nhar it-23 ta' Novembru 2021, bejn il-tlieta w l-hamsa ta' filghodu (03:00hrs-05:00hrs), ġewwa l-appartament numru 2, gewwa Spinola Court gewwa St. George's Park, San Giljan, bil-ħsieb li jagħmel delitt, ċioe` talli dolożament, bil-ħsieb li tisraq lil Monica Maria Ann Agius u Irina Alesandrova Orlova u/jew xi nies ohra, u wera dan il-ħsieb b`atti esterni u ta' bidu għall- esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaga aċċidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, liema attentat ta' serq hu aggravat bil-hin u bil-mezz;

18. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

19. Nhar l-24 ta' Novembru 2021, bejn l-erbgha w s-sittata' filghodu (04:00hrs-06:00hrs), ġewwa fond numru 36, Triq il-Mediterran, Pembroke, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' arloggi u oġġetti oħra, liema serq

huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċjedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar għad-dannu ta' Naseer Saed M Al Shara u/jew ta' xi persuna/i oħra;

20. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

21. Nhar is-07 ta' Dicembru 2021, bejn nofsilejl u s-sebgha ta' filghodu (00:00hrs-07:00hrs), ġewwa fond numru 129, Triq is-Swieqi, Swieqi u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' flus u affarijiet oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċjedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar għad-dannu ta' Mario Spiteri u Maria Luisa Spiteri u Amy Spiteri u/jew ta' xi persuna/i oħra;

22. Kif ukoll fl-istess hin, lok u cirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

23. Nhar 07 ta' Dicembru 2021, bejn nofsilejl u s-sebgha ta' filghodu (00:00hrs-07:00hrs), ġewwa l-blokka bl-isem ta' The Kalm, gewwa Triq il-Hawt. Swieqi, għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor;

24. Nhar it-13 ta' Dicembru 2021, bejn is-saghtejn u l-hamsa ta' filghodu (02:00hrs-05:00hrs), ġewwa fond numru 49, Triq il-Mediterran, San

Gwann, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' flus u affarijiet oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċjedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar għad-dannu ta' Michelle Calleja u Christopher Calleja u/jew ta' xi persuna/i oħra;

25. Xjentement ilqajt għandek jew xtrajt ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li kien, indhalt biex tbiegħhom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Jannar, 2022, fejn il-Qorti wara wara li rat l-artikoli 18, 41, 209, 151, 160, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 266, 267, 269, 270, 278, 279 (a) (b), 334 (a) (b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil Khaled Rami, fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u ikkundannatu piena ta' prigunerija effettiva ta' **hames (5) snin** li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-12 imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Khaled Rami minnu pprezentat fil-21 ta' Jannar, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabet lil l-

appellant hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u tvarja l-piena inflitta, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Rat illi l-esponenti hass ruhhu aggravat bis-sentenza fuq citata u minnha qed jinterponi dan l-umli appell;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu is-segwenti:

Illi l-appellanti li huwa immigrant mill-Marokk, kien detenut fic-Centru ta' Detenzjoni ta' Hal Safi. F'Lulju 2021 gara li l-appellanti harab minn dan ic-centru. L-appelanti wara din il-harba, wettaq diversi reati fl-akwati ta' Pembroke, San Giljan u s-Swieqi. Dawn ir-reati ivarjaw minn serq, tentattiv ta' serq, reat kontra l-pudur u ricettazzjoni. L-appellant f'dawn ir-reati ta' serq, ha diversi oggetti fosthom orloggi, apparat elettroniku u gojjelli.

Il-Pulizija Ezekuttiva bdiet l-investigazzjonijiet taghha sa mill-bidu tal-harba ta' l-appellanti mic-Centru ta' Detenzjoni ta' Hal Safi. Il-Pulizija firxet din l-investigazzjoni fl-akwati ta' Pembroke, San Giljan u s-Swieqi, u eventwalment waslet sabiex tarresta lil appellanti.

Sussegwentement, l-esponenti appellanti gie interrogat u f'Dicembru 2021 gie mressaq b'arrest, akkuzat bl-imputazzjonijiet odjerni. L-appellanti irregistra amissjoni ghal akkuzi kollha, fl-ewwel udjenza.
Rat illi l-aggravi huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi fl-ewwel lok, jigi rilevat, li f'dan il-kaz, l-appellanti rregistra ammissjoni bikrija. L-ammissjoni giet registrata fi stadju inizjali tal-proceduri, u ghalhekk gie ffrankat l-istadju tal-gbir tal-provi. Isegwi ghalhekk li certament l-appellanti ma heliex hin prezzjuz ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Tenut kont tal-premess, l-appellant umilment jissotometti li l-piena imposta ta' hames (5) snin prigunerija, ma hijiex wahda idoneja ghac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, l-appellant umilment jirrileva li tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-piena inflitta fuqhu kienet wahda eccessiva. Ghalhekk fid-dawl ta'dak li ser jigi sottopost, l-esponenti umilment jissottometti li fil-kaz odjern, setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta.

F'dan is-sens, fl-umli fehma ta' l-appellant l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenan u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; **Il-Pulizija vs John Farrugia**, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 446.

Fil-kawza l-**Pulizja vs Carmen Buttler**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina. Fil-kaz odjern, l-appellanti umilment jirrileva li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tatx piz ghal fatt, li bl-ammissjoni tieghu ma nheliex prezzjuz tal-Qorti.

F'dan l-istadju, l-appellanti jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' **<u>Il-Pulizija vs Charlot Aquilina</u>**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta'Probation.

> *Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.*

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

> *"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446.*

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. George Farrugia:</u>**

> *"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a*

*window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.*

L-appellant umilment jirrileva li l-principji esposti fil-gurisprudenza hawn citata jincidu direttament fuq l-appell odjern, u ghalhekk il-piena imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi varjata.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-24 ta' Frar 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali limitament fuq il-kwistjoni tal-piena u dan ghaliex fil-fehma ta' l-avukat difensur il-piena inflitta ta' hames (5) snin prigunerija kienet wahda eccessiva in vista tal-fatt li l-appellant irregistra ammissjoni bikrija, kkopera mal-pulizija u l-fatt li ghandu fedina penali netta.

Jigi rilevat in primis li minn meta l-appellant inghata din is-sentenza ta' l-ewwel Qorti ma kien hemm l-ebda tibdil fic-cirkostanzi li l-appellant qed jaffaccja u cioe li ma gie nominat l-ebda probation officer sabiex jindika lill-Qorti li fil-fatt gie registrat xi progress fir-rigward tal-andament tieghu. Lanqas ma gie prezentat xi social inquiry report sabiex il-Qorti tkun tista tiggustifika xi tibdil fil-piena. Jirrizulta biss li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti inghatat fis-6 ta' Jannar 2022 tlett gimghat wara li l-akkuzat appellant tressaq il-Qorti. Minn dakinhar 'l hawn ma gie registrat l-ebda kambjament fl-andament tieghu.

L-appellant jikritika l-piena erogata anke permezz ta' sentenzi ta' din il-Qorti li, izda, ma ghandhom l-ebda relevanza ghal-kaz in dizamina ghaliex jirreferu ghall-dawk ic-cirkostanzi fejn il-Qorti jkun jehtigilha taghmel ezami approfondit tal-fatti mill-gdid sabiex ikun accertat li l-ewwel Qorti qabilha setghet legalment

u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Dan ma huwiex il-kaz odjern fejn l-appellant instab hati fuq ammissjoni tieghu stess. Dak li din il-Qorti issa trid tezamina hu jekk l-ewwel Qorti setghetx tikkomina dik il-piena sabiex tkun certa li tali piena kienet fil-parametri tal-ligi u li ma kien hemm xejn x'jiddemostra li fil-fatt kellha tkun anqas minn dik kominata. Altrimenti ma jkunx hemm lok li tkun disturbata id-diskrezzjoni afdata f'idejn l-ewwel Qorti.

Illi fl-umli fehma tal-appellant, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-piena mposta fuqu, ossia dik ta' hames (5) snin prigunerija, ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b'hekk timmerita temperament.

Huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-*forma mentis* tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[1], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[2] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[3] . Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Minn ezami tal-istqarrija li rrilaxja l-appellant a tempo vergine tal-investigazzjoni nhar it- 18 ta' Dicembru 2021 l-appellant ibati mill-vizzju mishut ta' droga tant li jghid li " *Jien nammetti li l-oggetti li urejtni inti waqt l-invesitgazzjoni sraqthom izda ma niftakarx fejn minhabba l-primli li kont niehu"* Il-Pulizija staqsietu 'ghal liema prinnoli u jghid *'Ectasy Novetri, Marijuana u Haxixa."*

Illi in linea generali jibda biex jinghad li *"l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet.*

---

[1] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[3] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

*Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*[4]

L-esponenti jifhem li min isofri minn problema tad-droga ghandu jipprova jikkura ruhu u jfittex l-ghajnuna biex isolvi tali problema. Il-vizzju ta' dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor madanakollu l-esponenti jistqarr li ghalkemm ikkommetta r-reati addebitati lilu, dan ma ghamlux b'sens ta' disrispett izda ghax hass il-piz tal-vizzju tieghu tant ikun tqil li ma jkunx jista' jissaportih iktar u sussegwentament jgieghlu jaghmel dak li ma jridx.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Alexander Cardona</u>**'[5]fejn il-Qorti sostniet:

> *"Il-vizzju tad-droga jsolvih billi jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni u jimpenja ruhu bis-serjeta li jibqa jsegwih u wara li jlestih b'success jibqa' sod sabiex jinfatam darba ghal dejjem minn dan il-vizzju u mhux billi jmur jisraq lill-haddiehor biex ikollu l-flus biex jissodisfa l-"habit" tieghu li jkun hakmu."*

Din il-Qorti tara l-fatt li l-appellant kien taht l-influwenza ta' droga meta kkommetta r-reati li gie akkkuzat bihom bhala aggravju meta tigi biex tapplika l-piena u mhux bhala fattur mitiganti. Li kieku kull bniedem akkuzat kien imur

---

[4] Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef deciza nhar it-28 ta' Novembru, 2006 mill-Qorti talAppell Kriminali per Onor. Imhallef V. DeGaetano, Onor Imhallef J. A. Filletti u Onor. Imhallef D. Scicluna

[5] Deciza nhar is-6 t' Awwissu, 2014 per Onor. Mag. A. Bugeja

jiehu id-droga biex jipprova jabsolvi ruhu mir-responsabbilita jew tnaqqis fil-piena una volta jigi dikjarat hati.

Illi fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat taccirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kienitx eccessiva jew le.

M'huwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena (**Il-Pulizija v. David Vella**[6]).

Din il-Qorti f'dan ir-rigward taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Terrence Scerri[7]

> *'...il-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti (f'an il-Każ Qorti tal-Appell Superjuri) mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat.' (**Repubblika versus Owen Bonnici** tad-19 ta' Mejju 2011).*

In vista tas-suespost din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raguni l-ghala ghanda thassar jew timmodifika l-piena inflitta mill-ewwel Qorti u ghalhekk qeghda

[6] Deciza mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar it-2 ta' Dicembru 2005
[7] Deciza mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar id-19 ta' Settembru 2011

tikkonferma s-sentenza kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imħallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur